## 4 ta' Marzu, 1955

### Imħallef:
### Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Alfredo Delia *versus* Onor. Edgar Cuschieri, O.B.E., ne.

### Gvern — "Nunciatio Novi Operis" — Azzjoni — Interess — Art. 575 u 357 tal-Kodiċi Ċivili

*Biex wieħed jesperixxi azzjoni ġudizzjarja jrid ikollu interess; u dan l-interess, barra milli jkun attwali, irid ikun anki konkret, u mhux ipotetiku, u irid jeżisti fil-konfront tal-konvenut bħala leġittimu kontradittur tiegħu.*

*Għaldaqstant hija intempestiva azzjoni ta' detentur ta' raba' kontra l-Gvern, biex il-Gvern jiġi inibit milli jagħmel xi xogħlijiet tal-qalta kontemplati minnu, li jkunu jistgħu jwasslu lil dak id-detentur tid-dgawdija ta' dak ir-raba', u milli jittrasferixxi l-fond fejn hu talvolta kontemplat li jsiru dawk ix-xogħlijiet mingħajr ma jimponi lill-akkwirent id-divjet li jagħmel dawk ix-xogħlijiet. U dan għaliex dawk ix-xogħlijiet ikunu għadhom ma bdewx; u fil-każ li l-Gvern jittrasferixxi l-fond u x-xogħlijiet isiru wara t-trasferiment, l-azzjoni tkun esperibbli kontra l-akkwirent, u mhux kontra l-Gvern.*

*Langas ma tirrikorri f'każ simili l-figura ġuridika tan-"Nunciatio Novi Operis"; għax wieħed mir-rekwiżiti ta' din l-azzjoni hu li jkun hemm xogħol ġdid li wieħed ikun beda, billi mhux biżżejjed li x-xogħol ikun merament fil-ħsieb, imma jrid ikun mibdi b'mod effettiv. U mbagħad irid ikun hemm il-ħsara f'sens ġuridiku u legali; u din il-ħsara barra milli tkun reali, u mhux ipotetika, trid tkun ukoll il-konsegwenza ta' fatt illeċitu u projbit mill-liġi;— rekwiżit li ma jirrikorrix f'każ simili, għax il-Gvern jista' jiddisponi mill-proprietà tiegħu bi kwalunkwe mod mingħajr ma jista' jindaħallu ħadd · salv il-każ ta' kontravvenzjoni għall-liġi.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, peress illi l-instant jipposjedi in enfitewsi perpetwa fond tal-Gvern Ċivili, San Pawl il-Baħar, kuntrada "tat-Trunċiera" sive "ta' Gebja", jew 'Fuq il-Għajn', tal-kejl ta' ċirka ta' 40 tomna bejn blat u art koltivabbli, li għandu aċċess diffiċli minn fuq rampa ta' l-istess Gvern, rampa li fiha huma kontemplati xogħlijiet li jirrendu aktar diffiċli dan l-aċċess ta' l-instant għall-imsemmi fond tiegħu; u billi, malgrado l-protest ta' l-instant tal-31 ta' Lulju, 1953, dok. A, il-Gvern Ċivili ma ta l-ebda assikurazzjoni lill-instanti li ma jsirx dan ix-xogħol; għal dawn ir-raġunijiet talab (1) li l-konvenut Micallef nomine jiġi inibit li jagħmel fir-rampa fuq imsemmija xogħol li jirrendi aktar diffiċli l-aċċess ta' l-instant għall-imsemmi fond tiegħu, (2) u li l-Onorevoli Cuschieri nomine jiġi inibit li jittrasferixxi l-istess rampa lil terzi persuni mingħajr il-klawsola li tipprojbixxi li fir-rampa fuq imsemmija jsiru xogħlijiet li jirrendu aktar diffiċli lill-instant l-aċċess għall-imsemmi fond tiegħu. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-31 ta' Lulju, 1931, kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis:*

Rat il-proċeduri relattivi għall-mandat ta' l-inibizzjoni fl-istess ismijiet, u kif respint minn din il-Qorti, diversament presieduta, nl-21 ta' Ottubru, 1953;

*Omissis:*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita intempestività ta' l-azzjoni:

Illi l-attur, bl-ewwel domanda, qiegħed jitlob illi l-konvenut Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi jiġi inibit milli jagħmel fir-rampa fuq imsemmija xogħol li jirrendi aktar diffiċli l-aċċess ta' l-istess attur għar-raba' tiegħu; mill-banda l-oħra, l-imsemmijin konvenuti jissottomettu illi dina l-pretensjoni hija insostenibbli, għaliex ebda xogħol ma nbeda, u lanqas huwa kontemplat, minn dak id-Dipartiment;

Issa, hu magħruf illi, biex wieħed jesperixxi azzjoni ġudizzjarja, irid ikollu interess li, barra milli jkun attwali irid ikun anki konkret, u mhux ipotetiku, u jrid jeżisti fil-konfront tal-konvenut bħala leġittimu kontradittur tiegħu. Fil-każ tagħna, l-interess ta' l-attur ma għandux dawn ir-rekwiżiti. Mhux konkret, għaliex ebda prova ma saret li almenu nbdew ix-xogħlijiet lamentati mill-attur; u lanqas jissussisti fil-konfront tal-konvenut, għaliex, jekk qatt isir it-trasferiment ta' l-art lil ħaddieħor, u dana jostakola jew jirrendi iżjed diffiċili l-aċċess ta' l-attur għall-għalqa tiegħu (kif jippretendi l-istess attur), l-azzjoni relattiva tkun esperibbli kontra l-akkwirent, iżda qatt kontra l-odjerni konvenuti;

Illi għalhekk lanqas ma tirrikorri fil-każ il-figura ġuridika tan-"nunciatio novi operis", kontemplata fl-art. 575 (Kod. Ċiv.). Difatti, wieħed mir-rekwiżiti tagħha hu li jkun hemm "xogħol ġdid li wieħed ieħor ikun beda". Mhux biżżejjed li dan ix-xogħol ikun merament bil-ħsieb, imma jrid ikun mibdi b'mod effettiv. Jgħid Pacifici Mazzoni: "L'opera si considera incominciata quando siasene impresa l'effettiva esecuzione" (Istituzioni, Vol. III, § 63, Ediz. 3za 1884). Issa, kif ġie fuq rilevat, ma rriżulta bl-ebda mod illi l-konvenuti għamlu xi ħaġa li tista' tkun kwalifikata bħala bidu ta' eżekuzzjoni ta' xogħol ġdid preġudizzjevoli għall-attur. Imbagħad, irid ikun hemm il-ħsara f'sens ġuridiku u legali; issa, din il-ħsara, barra milli trid tkun reali, u mhux ipotetika, trid tkun il-konsegwenza ta' fatt illeċitu u projbit mill-liġi; u għalhekk dana r-rekwiżit ma jirrikorrix meta, kif jgħid l-istess Pacifici Mazzoni, "è una conseguenza del legittimo esercizio di un diritto" (op. ċit., § 61, paġ. 89). Issa, m'hemmx dubju li, ladarba l-Gvern huwa s-sid ta' l-art, jista' jiddisponi minnha bi kwalunkwe mod mingħajr

ni l-attur jista' jindaħallu — salv il-każ ta' kontravvenzjoni għall-liġi (art. 357 Kod. Ċiv.);

Illi minn dana jidher li anki t-tieni domanda mhix, "rebus sic stantibus", legalment sostenibbli;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni, opposta mill-konvenuti;

U konsegwentement tirrespinġi d-domandi ta' l-attur bl-ispejjeż.